**PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI**

**IMHALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 15 ta' Lulju, 2021**

**Rikors Mahluf Nru: 554/2021**

**AFILEXION ALLIANCE COMPANY LIMITED**

**VS**

**MULTI WAREHOUSE LIMITED (C 66954)**

**THE MULTI GROUP LIMITED (C71212)**

**MULTI BRAND GAMING LIMITED (C66946)**

**LOTTO WAREHOUSE LIMITED (C77100)**

**MULTILOTTO UK LIMITED (C77101)**

**WASP MEDIA LIMITED (C76846)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors mahluf tas-socjeta' attrici Afilexion Alliance Company Limited li permezz tieghu fissret is-segwenti:

1. Illi in virtu taz-zewg kuntratti ta’ ingagg tal-ghoxrin (20) ta’ Dicembru elfejn u tmintax (2018), is-socjetajiet konvenuti ingaggaw lis-socjeta’ rikorrenti sabiex tipprovdi servizzi ta’ advisory u compliance;
2. Illi s-socjeta’ rikorrenti provdiet lill-istess konvenuti s-servizzi kif miftiehem fil-kuntratti hawn fuq imsemmija u harget il-fatturi relattivi ghal hlas;
3. Illi s-socjetajiet konvenuti ghamlu ghadd ta’ pagamenti, madankollu kien ghad fadal bilanc ta’ wiehed u ghoxrin elf erba’ mija u erbghin Ewro u sittin centezmu (€21,440.60) skond ir-rendikont hawn anness u mmarkat ‘Dok A’;
4. Illi minghajr ebda raguni valida kemm fil-ligi u kemm fil-kuntratt, is-socjetajiet konvenuti baqghu moruzi u ma hallsux is-somma ta’ €21,440.60 u dan ukoll wara li gew interpellati jhallsu anke permezz tal-ittra ufficjali numru 1494/2021 tas-16 ta’ April, 2021;
5. Illi fl-20 ta’ Mejju, 2021 is-socjeta’ rikorrenti ottjeniet il-hrug ta’ mandat ta’ sekwestru kawtelatorju numru 759/2021 kontra s-socjetajiet konvenuti ghall-ammont pendent ta’ €21,440.60;
6. Illi r-rikorrenti ghandha interess li tithallas l-ammont pendent ta’ €21,440.60 ghall-provvista tas-servizzi taghha u ghalhekk qed tipprocedi b’ dina l-kawza;
7. Illi l-esponenti taf bil-fatti fuq imsemmija personalment u sa fejn taf hi l-konvenuti ma ghandhomx eccezzjonijiet x’ jaghti f’ din il-kawza.
8. Illi l-esponenti qed tipprezenta affidavit taghha hawn anness u mmarkat ‘Dok B’.
9. Illi peress li jirrikorru l-elementi mehtiega ai termini ta’ l-Art 167 et seq tal-Kap. 12, is-socjeta’ rikorrenti titlob li dina l-kawza tinstema’ bid-dispensa tas-smiegh.

Is-socjeta’ attrici talbet is-segwenti:-

1. Tghaddi ghas-sentenza tad-dispensa tas-smigh ai termini ta’ l-Art. 167 et seq tal-Kap. 12;
2. Tikkundanna li socjetajiet konvenuti jhallsu lis-socjeta’ rikorrenti s-somma ta’ wiehed u ghoxrin elf erba’ mija u erbghin Ewro u sittin centezmu (€21,440.60);

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali numru 1494/2021 tas-16 t’ April 2021 u tal-Mandat ta’ Sekwestru numru 759/2021 fl-ismijiet “Afilexion Alliance Company Limited vs Multi Warehouse Ltd et”, bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjetajiet konvenuti li minn issa huma ingunti in subizzjoni.

Rat illi s-socjetajiet konvenuti debitament notifikati naqsu milli jidhru fid-data appuntata ghas-smiegh tal-kawza sabiex jgharrfu lil Qorti jekk ghandhomx eccezzjonijiet validi xi jresqu jew sabiex jikkontestaw is-siwi ta’ dawn il-proceduri.

Rat in-nota prezentata mis-socjeta’ attrici fil-15 ta’ Lulju 2021 fejn cediet it-talba ghal hlas tas-sorte minhabba li sar hlas tal-istess sorte fil-mori tal-kawza izda zammet ferm il-kap tal-ispejjez.

**DECIZJONI**

Ghaldaqstant din il-Qorti taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi:-

i. Tilqa’ l-ewwel talba tal-kumpaniji attrici sabiex tipprocedi ghas-sentenza minghajr smiegh skont l-artikoli 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta izda limitatament in kwantu jirrigwarda l-kap tal-ispejjez

ii. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni talba stante li is-socjetajiet attrici cedew it-talba ghall-hlas tas-sorte u tiddikjara l-procediment ezawrit f' dan ir-rigward.

iii. Tordna li l-ispejjez kollha marbuta ma' dawn il-proceduri komprizi dawk tal-ittra ufficjali numru 1494/2021 tas-16 t' April, 2021 u tal-Mandat ta' Sekwestru 759/2021 fl-ismijiet "Afilexion Alliance Company Limited vs Multi Warehouse Ltd et" ghandhom jithallsu kollha mis-socjetajiet konvenuti.

**Audrey Demicoli**

**Imhallef**

Graziella Abela

Deputat Registratur